MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Numru. 1272/2012

**SPETTUR IAN ABDILLA**

**VS**

**ELVIN MAGRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Elvin Magri ta’ 35 sena, bin Anthony u Mary nee’ Cassar, mwieled Pieta’ fl- 1 ta’ Frar 1977, residenti Block A 5, Appartament 3, Triq Pietro D’Armenia, Pembroke u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 144777M;

> Talli f’ Ottubru 2012 u fis-snin ta’ qabel, f’ dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiskru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda ircieva minn ghand xi hadd iehor jew kiseb minn ghand xi hadd xi weghda li jinghataw lilu jew lil ohrajn b’korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b’ eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li kienu taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fis-16 ta' Awwissu, 2011, il-Pulizija kienet irceviet kwerela minn Raymond u Grace konjugi Falzon fejn kienu ghamlu rapport ta' uzura fuq Elvin Magri, l-imputat. Huma qalu li kienu sselfu xi flus minn ghandu, izda l-iskrittura ffirmata bejniethom kienet ghal somma ferm akbar minn dik attwalment mislufa. Il-Pulizija kienet baghtet ghall-imputat li kien irrilaxxa stqarrija fejn innega li qatt zamm imghax gholi lil Falzon. Anzi kien qal li din kienet it-tieni darba li kien sellifhom xi flus. L-ewwel darba kienu hallsuh lura l-flus kollha mislufa lilhom minnu, izda t-tieni darba ma kienux hallsuh lura l-ammont kollu. Kienu saru biss tlitt pagamenti mit-tnax li kellhom isiru fuq medda ta' sena. Kien ghalhekk li kien beda proceduri civili kontrihom ghar-rifuzjoni tal-flus mislufa lilhom, u aktarx huma mexxew kontrih kriminalment wara li hu kien mexxa kawza civili.

Mill-provi prodotti din il-Qorti hi tal-fehma li ma gie ppruvat bl-ebda mod li l-imputat kien zamm imghax gholi b'uzura lil Falzon, li inzerta jigi n-neputi taghhom. Il-fatti kif spjegati minnu huma hafna aktar kredibbli mill-verzjoni moghtija minnhom. Jekk xejn, irrisulta li l-mertu ta' dan il-kaz kien jittratta t-tieni self li Falzon ghamlu minn ghand l-imputat. F'dan is-self, miftiehem permezz ta' skrittura privata datata 18 ta' Lulju 2006, Raymond Falzon kellu jhallas rati mensili ta' Lm312.50 sabiex fi zmien sena jkun hallas lura l-ammont ta' Lm3,750 misluf mill-imputat. Saru biss tlitt pagamenti minnu, u ghalhekk l-imputat, wara li kien tallbu diversi drabi sabiex ihallas il-flus lura lilu, u wara ghamel zmien jistennih li jhallas izda baqa'inadempjenti, kien fittxu bil-Qorti ghall-hlas tal-kumplament. Ghalkemm ma gew esebiti ebda kopji tal-kawza civili li Magri kien mexxa kontra Falzon ghall-irkupru ta' flusu, jidher mill-korrispondenza ta' bejn il-partijiet esebita fl-atti xi zmien f'Lulju 2009 Magri

kien ippresenta ittra ufficjali lil Falzon ghall-hlas tal-ammont mitlub. L-iskambju tal-ittri bejn il-partijiet jidher li baqa’ sejjer ghal kwazi sentejn shah, fejn bejn April u Mejju 2011 huma baqghu jinterpellaw lil xulxin fuq dan l-istess mertu. Huwa evidenti ghalhekk li Magri mexxa bil-kawza civili f’xi zmien bejn Mejju u Awwissu 2011, hames snin fuq l-iskrittura privata.

Hekk kif giet intavolata l-kawza civili li mexxa Magri kontra Falzon, tfegg il-kwerela ta’ Falzon kontra Magri. Ghalhekk Falzon ukoll halla hames snin qabel ma rrapporta l-allegat uzura da parti tal-imputat. Fl-isfera ta’ dan it-tip ta’ reat, dan ix-xenarju huwa inverosimili ghall-ahhar. Huwa maghruf li ammont ta’ flus li jkun misluf fuq l-idejn bl-uzura jithallas lura fi zmien qasir hafna, bhal ftit gimghat jew xahar, u mhux sena shiha, ahseb u ara addirittura hames snin. L-ebda persuna li ssellef bl-uzura m’hi ser tistenna sena shiha sabiex taghmel il-qligh illecitu taghha. Hi tkun trid taghmel qligh immedjat, u aktar ma jghaddu granet, aktar jisplodi l-imghax bi proporzjon fenomenali. Hija l-antitesi tal-uzura li persuna ssellef ammont ta’ flus bhal ma ghamel l-imputat u jistenna sena biex jithallas lura. Huwa aktar minn hekk impossibbli li l-imputat qaghad jissaporti lil zijuh ihallas is-self lura lilu qabel ma mexxa kawza civili kontrih. Kull min isellef bl-uzura ma jistenniex aktar minn ftit granet jew gimghat biex jigbor flusu lura bl-interessi doppji jew trippli, u huwa maghruf li l-mezzi wzati biex dak il-flus jigu rkuprati m’humiex l-aktar mezzi civili.

Ghalhekk, mill-provi prodotti, huwa evidenti ghal din il-Qorti li hawnhekk si tratta biss ta’ self *brevi manu* tipiku fil-kamp tad-dritt civili. Imkien ma rrisulta xi element ta’ uzura, jew xi xaqq ta’ dawl li seta’ jitfa dubju dwar il-possibilita’

ta’ uzura f’dan il-kaz. Il-Qorti ghalhekk tqis il-kaz bhala wiehed infondat u ser tghaddi biex tillibera lill-imputat minn kull htija jew piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18 u 298C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------